MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 75/2010/1

**Charles Steven Muscat**
**v.**
**Avukat Ġenerali**

1. F’din il-kawża l-attur qiegħed jitlob rimedju għax igħid illi nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq meta ma tħalliex ikollu l-għajnuna ta’ avukat waqt illi kien qiegħed jiġi interrogat mill-pulizija dwar suspett illi għamel reat, u tteħditlu stqarrija, bi ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u l-art. 6(1) u 6(3)(*ċ*) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”].

2. B'rikors tat-2 ta' Diċembru 2010 l-attur talab illi l-qorti, wara li tgħid li hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu, tagħti r-rimedji xierqa, fosthom billi tordna illi l-istqarrija titneħħa mill-inkartament tal-proċess kriminali. L-Avukat Ġenerali ressaq l-eċċezzjoni illi l-kawża hija intempestiva, illi ma hemmx ksur tal-jeddijiet tal-attur u illi f'kull każ ir-rimedju mitlub – l-isfilz tal-istqarrija – ma huwiex ġustifikat.

3. B'sentenza mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2011 (li minnha qiegħed isir dan l-appell) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet it-talbiet tal-attur, qalet illi kien hemm ksur tal-jeddijiet tiegħu mħarsa taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni u ordnat illi l-istqarrija tal-attur titneħħa mill-inkartament tal-proċess kriminali kontra tiegħu, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet.

«Ir-rikorrenti, fir-rikors promotur tiegħu, jagħmel referenza għal proċeduri kriminali li nbdew kontra tiegħu bl-att ta' akkuża numru 47/2010 u fejn huwa qed jiġi akkużat, fost affarijiet oħra, ta' spaċċ ta' droga kokaina u erojina. Huwa jagħmel referenza ukoll għall-istqarrijia tiegħu li hu rrilaxxja lill-Pulizija Eżekuttiva fis-7 ta' Awissu 2002 waqt li kien qed jiġi interrogat. Ir-rikorrenti jallega li meta rrilaxxa din l-istqarrija huwa kien ipprojbit milli ikkomunika u jikkonsulta mad-difensur ta' fiduċja tiegħu. Dwar dan il-fatt hemm qbil bejn il-partijiet kif jirriżulta mill-imsemmi verbal tal-20 ta' Jannar 2011. Fiż-żmien tar-rilaxx tal-istqarrija in kwestjoni l-liġi tagħna ma kinitx tipprovdi li l-interrogat jista' jkollu l-assistenza tad-difenur tiegħu waqt li jkun qed jiġi interrogat u meta jkun ser jirrilaxxa stqarrija. Minħabba dan kollu r-rikorrent isostni li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu, kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikoli 6(3)(*ċ*) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk ir-rikorrenti qed jitlob, prevja li jiġi dikjarat li d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq gew leżi, li jiġi ordnat l-isfilz tal-istqarrija in kwestjoni u li jingħataw il-provvedimenti u direttivi xierqa sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet inerenti u fundamentali tal-esponent.

«L-artikoli ċitati mir-rikorrenti u *cioè* l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(3)(*ċ*) u 6(1) tal-Konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Liġijiet ta'

Malta) huma simili f'dak li jipprovdu però jista' jingħad li l-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hu aktar estensiv u dan kif ġie nnutat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija *vs* Alvin Privitera deċiża fil-11 ta' April 2011. Is-sub-artikolu (1) tal-imsemmi artikolu 39 jipprovdi li – "Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali … huwa għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."

«Is-sub-artikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi – "Fid-deċiżjonijiet tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi …".

«Is-sub-artikolu (3)(*ċ*) tal-istess artikolu 6 tal-Kap. 319 jipprovdi li kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-dritt "li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk".

«L-ebda wieħed mill-artikoli ċitati ma jistipula speċifikament li persuna li tkun qed tiġi investigata mill-Pulizia in konnessjoni ma' xi allegat reat għandha d-dritt li tkun assistita, waqt l-istess investigazzjonijiet u meta tkun ser tirrilaxxja stqarrija, mill-konsulent legali ta' fiduċja tagħha jew li jkun ġie assenjat lilha skond il-liġi. Ġie diversi drabi ritenut mill-Qorti Europea li dak li hu stipulat fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hu applikabbli għal dak l-istadju li jippreċedi proċeduri kriminali quddiem il-qrati kompetenti kontra min ikun qed jiġi investigat u interrogat mill-Pulizija. Għalhekk il-provedimenti in kwestjoni huma wkoll applikabbli fil-fażi tal-investigazzjonijiet u tal-interogazzjoni tal-investigat. Kwindi l-interrogat għandu d-dritt li jiddefendi ruħu bl-istess mod kif jista' jiddefendi ruħu fil-kors ta' proċeduri kriminali li jkunu ttieħdu kontra tiegħu. B'mod partikolari huwa għandu d-dritt li jkun assistit minn avukat qabel ma jibda jiġi interrogat mill-Pulizija. Dan issa hu prinċipju ben assodat li joħroġ minn diversi sentenzi tal-Qorti Europea (*vide* Imbrioscia *vs* Svizzera tal-24 ta' Novembru 1993 u Panovits *vs* Cyprus tal-11 ta' Diċembru 2008), kif ukoll minn sentenzi tal-qrati tagħna.

«Ġie wkoll ritenut, però, li d-dritt ta' aċċess għall-avukat waqt l-istadju tal-*pre trial* m'għandux jitqies bħala dritt assolut, u dan fis-sens li, meta jkun hemm raġunijiet validi, tali aċċess jista' jiġi b'xi mod limitat u suġġett għal restrizzjonijiet. Kwindi r-regola hi li l-investigat għandu d-dritt li jikkomunika ma' avukat fl-istadju in kwestjoni u biss f'każijiet eċċezzjonali tali dritt jista' b'xi mod jiġi limitat. Għalhekk ukoll jekk lill-investigat jiġi negat id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tiegħu, mingħajr raġuni valida, jista' jwassal għal leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-istess investigat.

«Ġie diversi drabi ribadit mill-istess Qorti Europea li sabiex jiġi stabbilit li kien hemm, effettivament, leżjoni tal-artikolu 6 in kwestjoni, għandhom jiġu eżaminati l-proċeduri kollha in kwestjoni fit-totalità tagħhom. Kwindi l-insenjament tal-Qorti Europeja hu li l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma tistax tittieħed waħedha iżda għandha tiġi eżaminata fil-kuntest tal-proċeduri fit-totalità tagħhom u fl-interezza tagħhom. F'dan ir-rigward l-intimat isostni li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti għadhom ma ġewx deċiżi u għalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti hi intempestiva *stante* li jista' biss jiġi stabbilit jekk kienx hemm leżjoni wara eżami tal-proċess fl-interezza kollha tiegħu u *cioè*, skond l-intimat, wara li l-istess proċeduri jiġu deċiżi.

«Fl-opinjoni ta' din il-qorti hawnhekk mhux qed jiġi deċiż jekk ir-rikorrenti huwiex ħati jew le tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Dan mhux il-kompitu ta' din il-qorti, li, in effett, trid tiddeċiedi jekk seħħitx leżjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti meta huwa rrilaxxja stqarrija waqt l-investigazzjonijiet minnhajr ma seta', qabel, jikkonsulta ma' avukat. Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija *vs* Alvin Privitera l-Qorti Kostituzzjonali (11 ta' April 2011) ġie ritenut li "meta diġà jkun hemm raġunijiet biżżejjed li fuqhom il-qorti tkun tista' ssib li hemm leżjoni, il-qorti m'għandhiex toqgħod tistenna sakemm jintemm il-każ jew li jiġi attwalment miksur id-dritt pretiż biex tiddeċiedi jekk hemmx leżjoni jew le. Jista' jagħti l-każ li jkun tard wisq. … … … Fil-fehma ta' din il-qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi li jistgħu jippreġudikaw id-dritt ta' persuna akkużata irrimedjabilment".

«Hawnhekk il-lanjanza hi li s-smigħ tal-kawża kriminali kontra r-rikorrenti mhux ser ikun xieraq peress li meta huwa rrilaxxja l-istqarrija, li ġiet esibita waqt il-kompilazzjoni tal-provi kontra tiegħu, ma kienx assistit minn avukat *stante* li l-liġi lanqas biss kienet tippermettilu li jikkomunika jew jikkonsulta ma' avukat f'dak l-istadju. Jerġa' jingħad li dan hu wkoll ammess mill-intimat. Għalhekk kull ma hemm bżonn li jsir hu li jiġu eżaminati ċ-ċirkostanzi li fihom ġiet rilaxxjata l-istqarrija in kwestjoni. Il-kontenut tal-istqarija u l-akkużi miġjuba kontra r-rikorrenti huma irrilevanti għall-finijiet tal-preżenti sentenza, kif huma wkoll irrilevanti proċeduri u ċirkostanzi oħra konnessi mal-fatti in kwestjoni. Mhux il-kompitu ta' din il-qorti li teżamina l-provi in partikolari biex tivverifika jekk hemmx jew le provi oħra li jistgħu jwasslu li eventwalment ir-rikorrenti jinstab ħati.

«L-istqarrija in kwestjoni ġiet rilaxxjata fis-sena 2002 u fiż-żmien li ġiet rilaxxjata r-rikorrenti kien ilu miżmum il-ħabs mill-1994. Dan jirriżulta mill-istess stqarrija in kwestjoni tar-rikorrenti. Ma jirriżultawx fatti u ċirkostanzi oħra dwar dak li seta' ppreċeda r-rilaxx tal-istess stqarrija. Il-fatt rilevanti hu li r-rikorrenti ma kkonsultax mal-konsulent legali tiegħu qabel irrilaxxja l-istess stqarrija *stante* li, anke jekk ried li jkollu tali konsult, il-liġi, dak iż-żmien, ma kinitx tippermetti lill-interrogat jikkomunika ma' avukat qabel ma jirrilaxxja stqarrija. Meta r-rikorrenti rrilaxxja l-istqarrija huwa għamel att li seta' jippreġudikah irrimedjabilment u kwindi l-fatt li r-rikorrent ma kellux aċċess għall-avukat tiegħu, f'dak l-istadju, u *inoltre* ma setax jikkonsulta mal-istess avukat hu leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

«Fl-isfond ta' dak kollu li ġie premess il-qorti jidhirlha li ġà hemm raġunijiet biżżejjed li fuqhom tista' tikkonkludi li hemm leżjoni tad-drittijiet fondamentali u għalhekk ma hemmx għalfejn li tistenna li l-kawża kriminali in kwestjoni tkun deċiża. Il-fatt biss li r-rikorrent kien prekluż mill-liġi li jikkonsulta ma' avukat hu biżżejjed sabiex jiġi konkluż li d-dritt pretiż mir-rikorrenti ġie miksur. Konsegwentement ukoll l-eċċezzjoni tal-intempestività kif sollevata mill-intimat għandha tiġi miċħuda.

«L-intimat fl-ebda ħin ma qal li d-dritt fondamentali in kwestjoni tar-rikorrenti kellu b'xi mod jiġi limitat jew ristrett u anqas u anqas ma ġab ebda prova jew raġuni valida

għala tali dritt fil-konfront tar-rikorrenti kellu jiġi limitat jew ristrett.

«F'dan il-każ fl-apprezzament tal-preżenti allegazzjoni tar-rikorrenti ma hemmx bżonn li ssir evalwazzjoni tal-proċess kriminali fl-intier tiegħu. Kif ġà ġie rilevat hawnhekk mhux qed jiġi deċiż jekk ir-rikorrenti hux ħati jew le tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Hu minnu li bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali waqt li tkun qed tiġi rilaxxjata l-istqarrija, però jeżisti d-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq fi proċess fejn xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali. Kif ukoll ġà ġie sottolineat is-smigħ xieraq jimplika l-assistenza ta' avukat mhux biss waqt li jkun qed jiġi ċelebrat il-proċess proprju iżda wkoll fil-fażi li tippreċedi tali proċess. Hu ovvju li l-investigat jew aħjar l-imputat xorta waħda jista' jinstab li hu ħati tal-akkużi fuq provi oħra però ma jistax jinstab ħati sempliċement u esklusivament fuq dak li jkun stqarr l-istess imputat.

«Dak li hemm provdut fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jimplika li, fi proċeduri kriminali, l-prosekuzzjoni u d-difiża għandhom ikollhom "armi pari". Dan l-istess artikolu jimplika li jrid ikun hemm sens ta' ġustizzja matul il-proċess kollu kriminali u anke qabel ma jibda l-proċess proprju. Hu ukoll indikattiv li minn ikun qed jiġi interrogat mill-pulizija għandu jkollu aċċess għall-avukat tiegħu. In-nuqqas ta' tali aċċess hu ta' preġudizzju għad-drittijiet tal-interrogat u tad-difiża tiegħu. *Inoltre* l-interrogat għandu jiġi mwissi li hu jista' jikkonsulta ma' avukat waqt l-interrogatorju u qabel ma jirilaxxja stqarrija.

«Id-drittijiet tad-difiża jiġu serjament preġudikati meta l-interrogat u, wara, l-akkużat jagħmel stqarrijiet minngħajr ma jkun assistit minn avukat, liema stqarrijiet jinkriminawh. L-intimat issottometta li waqt il-proċeduri kriminali li saru sa dan l-istadju r-rikorrenti qatt ma sostna li l-istqarrija in kwestjoni għandha titqies li ttieħdet b'mod invalidu u dina s-sottomissjoni r-rikorrenti ssollevaha biss f'dan l-istadju. Kif sostniet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ġà ċitata <u>Il-Pulizija *vs* Alvin Privitera</u> – "Ir-rikorrenti ma kellu ebda terminu biex iressaqq il-lanjanza tiegħu". L-intimat jeċċepixxi ukoll li r-rikorrent ma ġiex imġiegħel jirrilaxxja l-istqarrija u *inoltre* ngħata s-solita twissija qabel ir-rilaxx tal-istess stqarrija. Din l-istess

sottomissjoni saret mill-appellant Avukat Ġenerali fl-imsemmija kawża (l-Avukat Ġenerali hu in effett l-intimat f'dawn il-proċeduri) u f'dan ir-rigward il-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza ta' Privitera għamlet referenza għad-dritt għall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjonijiet, għal-prinċipju li ħadd m'għandu jinkrimina ruħu, u għall-prinċipju l-ieħor li għandu jinżamm bilanċ bejn id-drittijiet tal-akkużat u dawk tal-prosekuzzjoni. Dawn il-prinċipji huma kollha attinenti mal-kunċett ta' smigħ xieraq ("*fair trial*"). Fattur li hu importanti u għandu jerġa' jiġi sottolineat hu li r-rikorrenti ma kellu ebda dritt mogħti mill-liġi biex ikun assistit minnn avukat.
«L-assistenza ta' avukat hi neċessarja sa mill-bidu tal-investigazzjonijiet peress li l-investigat, fiċ-ċirkostanzi li jkun jinsab fihom, jista' jkun f'pożizzjoni vulnerabbli u dik il-vulnerabilità tista' b'xi mod tiġi kumpensata bil-preżenza tal-avukat tal-investigat. Jiġi preċiżat li f'dan il-każ ma jirriżultax li r-rikorrenti b'xi mod kien aktar vulnerabbli meta huwa rrilaxxja l-istqarrija però hu fatt inkonfutabbli li r-rikorrenti kellu d-dritt li jkun assistit waqt li jkun qed jiġi investigat u in partikolari meta jkun qed jirrilaxxja stqarrija. Lanqas ma jirriżulta li r-rikorrenti qatt irrinunzja għal dan id-dritt. F'dan ir-rigward irid jingħad li r-rikorrenti lanqas kellu dritt x'jirrinunzja.
«L-intimat issottometta li r-rimedju li qed jitlob ir-rikorrenti *cioè* l-isfilz tal-istqarrija hu inġustifikat peress li l-funzjoni ta' din il-qorti tirrigwarda l-kompatibilità taċ-ċirkostanzi li fihom saret l-istqarrija mal-Konvenzjoni Europea u mal-Kostituzzjoni ta' Malta. Skond l-intimat il-kwestjoni tal-isfilz tal-istqarrija għandha tiġi kkunsidrata mill-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni penali li hi kompetenti biex tevalwa l-validità u l-ammissibilità *o meno* tal-provi. F'dan ir-rigward għandha ssir referenza għall-provvedimenti tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li din il-qorti "tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa biex twettaq jew tassigura t-twettiq" tad-drittijiet fundamentali speċifikati fl-istess Kostituzzjoni. Kwindi jekk din il-qorti jidhrilha li biex jitwettqu, b'mod effikaċi, d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għandu jiġi ordnat l-isfilz tal-istqarrija dan jista' jsir skond l-imsemmija provedimenti. Skond l-istess provedimenti hu l-obbligu tal-qorti li tagħti dawk l-ordnijiet

u direttivi li jkunu intiżi biex jassiguraw li d-drittijiet tar-rikorrenti jiġu tutelati u mwettqa. Kwindi fil-kawża odjerna għandu jiġi ordnat l-isfilz tal-istqarrija in kwestjoni u dan peress li l-istess stqarrija ttieħdet in vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti in partikolari kif sanċiti bil-provvedimenti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).»

4. L-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza b'rikors tal-25 ta' Ottubru 2011. L-aggravji tiegħu huma: (i) illi l-ewwel qorti kien imissha laqgħet l-eċċezzjoni ta' intempestività; (ii) illi ma kien hemm ebda ksur tal-jeddijiet tal-attur għax "ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fundamentali ta' smigħ xieraq meta bniedem ikun akkużat b'reat kriminali"; u (iii) illi r-rimedju mogħti mill-ewwel qorti ma huwiex wieħed ġust.

5. L-attur wieġeb fil-11 ta' Novembru 2011 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud.

**Dwar jekk l-Azzjoni hijiex Intempestiva**

6. L-Avukat Ġenerali jfisser l-ewwel aggravju tiegħu hekk:

«… … … id-dritt ta' smigħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċedura u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha bħal ma qed isir f'dawn il-proċeduri fejn qed jiffukaw fuq l-istadju tal-interrogazzjoni.

«… … …

«… … … fil-kawża odjerna, għalkemm l-att tal-akkuża in konfront tal-appellat inħareġ, madanakollu, il-każ għadu ma bediex jinstema' u għalhekk qabel ma jiġi konkluż il-ġuri ma jistax jingħad illi l-istqarrija *per se* tivvjola d-drittijiet fundamentali tal-appellat.

«Għalhekk, l-appellant jissottometti illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda intempestiva u dan peress illi effettivament qabel ma jkun sar u ntemm il-proċess penali, ikun prematur illi jsir minn din il-qorti l-eżerċizzju li jrid l-appellat, u dan peress illi dina l-onorabbli qorti għadha ma tistax tqis il-proċess penali kollu kemm hu – għax għadu ma sarx – biex tkun tista' tgħid kienx hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali, mhux f'episodju iżolat, iżda fil-kuntest tal-proċess meqjus kollu kemm hu.»

7. Huwa minnu illi, kif igħid l-Avukat Ġenerali, id-deċiżjoni dwar jekk tħarisx jew inikisrx il-jedd għal smigħ

xieraq għandha tittieħed fid-dawl tal-proċess sħiħ u mhux biss ta' mument partikolari tiegħu. Huwa minnu wkoll illi, kif tgħid l-istess sentenza appellata, ma hemmx jedd fondamentali għal għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, iżda l-jedd li jingħata huwa dak ta' smigħ xieraq. Għalhekk *prima facie* jista' jidher li hu prematur li tintalab dikjarazzjoni ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq meta s-smigħ għadu ma sarx, u għall-fatt biss li ttieħdet stqarrija mingħajr ma l-attur f'dak il-waqt kellu għajnuna ta' avukat.

8. Madankollu, l-art. 46(1) tal-Kostituzzjoni u l-art. 4(1) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319) jagħtu l-jedd li jitlob rimedju mhux biss lil min ikun inkiser, jew ikun qiegħed jinkiser, jedd fondamentali tiegħu iżda wkoll lil min dak il-jedd tiegħu "x'aktarx" illi sejjer jinkiser.

9. Billi l-jedd għal għajnuna ta' avukat waqt li qiegħda tittieħed stqarrija, għalkemm mhux, fih innifsu, jedd fondamentali, jista' mhux eċċezzjonalment iwassal, jekk jiġi miċħud, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, ma huwiex il-każ li tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' intempestività. Dan huwa wkoll fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju għax jekk, kif irid l-Avukat Ġenerali, ikun biss wara li jintemm il-proċess kriminali illi l-qorti tara jekk kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, dan jista' jwassal biex dak il-proċess jitħassar u jkollu jsir mill-ġdid, b'ħela ta' żmien u riżorsi.

10. Għal dawn ir-raġunijiet, huwa xieraq illi l-eżami tal-ilment tal-attur f'materja hekk delikata jsir f'dan l-istadju, u l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa għalhekk miċħud.

**Dwar jekk hemmx Ksur tal-Jedd għal Smigħ Xieraq**

11. Fit-tieni aggravju tiegħu l-Avukat Ġenerali jgħid illi, fil-meritu, ma hemm ebda ksur tal-jeddijiet tal-attur. Ifisser dan l-aggravju tiegħu hekk:

«In kwantu għas-sejbien ta' ksur tad-dritt għas-smigħ xieraq in vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-ewwel onorabbli qorti ibbażat ruħha fuq il-fatt illi fil-mument illi ttieħdet l-istqarrija kien hemm in-nuqqas totali ta' leġislazzjoni li tipprovdi għall-assistenza ta' avukat u dan fl-istadju qabel ma rrilaxxa l-istqarrija.

«Illi l-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni illi l-fatt inniffsu li kien hemm divjet totali għall-aċċess għall-avukat lill-

persuna suspettata allura dan imur kontra l-obbligi positivi li għandu l-istat sabiex jimplimenta l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.
«L-appellant ma jaqbilx ma' dan ir-ragunament tal-ewwel qorti u dan għaliex bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fondamentali ta' assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fondamentali ta' smigħ xieraq meta bniedem ikun akkużat b'reat kriminali. Kull meta l-Qorti Ewropeja sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq minhabba n-nuqqas ta' assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija, dejjem ikwalifikat il-ġudizzju tagħha u qalet li jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser jkollha smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali, allura l-persuna għandu dritt ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni.
«… … …
«L-esponenti jirrileva wkoll illi dina l-onorabbli qorti diġà kellha l-opportunità illi teżamina lanjanzi simili għal dawk odjerni. Illi dak li ġie konkluż minn dina l-onorabbli qorti huwa illi l-vjolazzjoni misjuba f'Salduz ma għandhiex tingħata interpretazzjoni retroattiva. Fil-każ odjern, l-istqarrija ttieħdet fis-7 ta' Awissu 2002, il-kumpilazzjoni inbdiet fis-sena 2002 u ngħalqet fis-sena 2010. Għalkemm is-sentenza fil-każ ta' Salduz ingħatat fis-27 ta' Novembru 2008, l-appellat qatt ma qajjem dan il-punt quddiem il-qorti istruttorja iżda kien biss wara li ingħalqet il-kumpilazzjoni u l-appellat tpoġġa taħt l-att ta' akkuza illi l-appellat qajjem il-kwistjoni odjerna.
«L-appellant jirrileva wkoll illi dak li stabilixxa l-każ ta' Salduz huwa biss prinċipju tant hu hekk illi l-kawżi tal-Qorti Ewropeja preċedenti għal Salduz qatt ma sabu vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Dan ifisser illi tali prinċipju qatt ma jista' jingħata interpretazzjoni retroattiva iżda *se mai* japplika biss għal dawk l-istqarrijiet li ttieħdu wara s-sentenza ta' Salduz (27 ta' Novembru 2008) u d-dħul fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 35 tal-2010 (10 ta' Frar 2010) tal-provvediment fil-Kodiċi Kriminali li jitratta l-jedd għall-parir legali qabel ma persuna tiġi interrogata. Interpretazzjoni differenti tal-każistika tal-Qorti Ewropeja hija ċertament illogika u dan peress illi l-istess Qorti Ewropeja qabel is-sentenza ta' Salduz qatt ma sabet vjolazzjoni tal-artikolu 6 meta stqarrija ttieħdet mingħajr assistenza legali.

«L-appellant jissottometti wkoll illi l-appellat bl-ebda mod ma ġie mġiegħel jagħti l-istqarrija illi ta. Mill-istqarrija nnifisha jirriżulta illi l-appellat ingħata t-twissija skont il-liġi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li kien ser igħid seta' jinġieb bħala prova kontra tiegħu. L-appellat kien qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanza li kien jinsab fiha. L-appellat ma ġab l-ebda prova fis-sens illi huwa f'xi waqt staqsa jekk kellux dritt għall-assistenza legali. Dan irid jiġi interpretat ukoll fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u *cioè* illi l-appellat kien diġà għadda minn proċess kriminali u dan peress illi preċedentement għall-għoti tal-istqarrija mertu tal-każ odjern, l-appellat kien diġà xellef dufrejh mal-ġustizzja u fil-mument tar-rilaxx tal-istess stqarrija kien qed jiskonta sentenza ta' ħamsa u għoxrin sena priġunerija. L-appellat ċertament illi ma kienx intimidat mill-preżenza tal-pulizija meta ta l-istqarrija tiegħu jew li kien f'xi ambjent stramb u estranju għalih. *Di più*, l-appellat fil-każ odjern kellu ħamsa u tletin sena meta ta l-istqarrija u għalhekk kuntrarjament għal Salduz, l-appellat ma kienx minorenni.»

12. L-attur wieġeb hekk:

«Illi minkejja l-iżviluppi kostituzzjonali radikali li seħħew da riċenti proprju dwar id-dritt għall-assistenza legali qabel ma tittieħed l-istqarrija, l-Avukat Ġenerali donnu jrid jibqa' jgħaddas rasu fir-ramel u jinsisti illi n-nuqqas ta' assistenza legali qabel ma tiġi rilaxxata stqarrija mhux leżiv tad-dritt għal smigħ xieraq. Għandu l-ardir jgħid l-Avukat Ġenerali illi l-appellant la ġie mġiegħel jirrilaxxa stqarrija, li ngħata s-solita twissija li ma kienx obbligat jitkellem, li ma jirriżulta li fl-ebda ħin ma talab għal assistenza legali, illi ġà għadda proċess kriminali preċedentement, li mhux xi bniedem li ser iħossu intimidat mill-pulziija u li meta irrilaxxa din l-istqarrija kellu ħamsa u tletin sena;

«Illi b'dawn l-argumenti l-Avukat Ġenerali donnu qed jagħti x'jifhem illi l-eżami dwar jekk saritx leżjoni ta' smigħ xieraq jew le għandu jsir b'mod l-aktar suġġettiv u dan abbażi tal-persuna in kwsitjoni;

«Illi l-esponent jissottometti illi Alla ħares il-qrati nostrani jabbraċċjaw dan il-*modus operandi* meta jippronunzjaw ruħhom fuq lanjanzi ta' natura kostituzzjonali. Illi kif ġà kellu okkażjoni quddiem l-ewwel qorti, l-appellant jieħu

okkażjoni jagħmel ampja referenza għall-*concurring opinion* tal-Imħallef Bratza li jissottolinea l-prinċipju illi l-assistenza legali trid addirittura tiġi provduta mill-istadju tal-arrest.»

13. Tassew illi hemm element ta' kontradizzjoni fil-motivazzjoni tal-ewwel qorti illi, għalkemm qablet illi "bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali waqt li tkun qed tiġi rilaxxjata l-istqarrija, però jeżisti d-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq fi proċess fejn xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali", waslet għall-konklużjoni illi "l-fatt biss li r-rikorrent kien prekluż mill-liġi li jikkonsulta ma' avukat hu biżżejjed sabiex jiġi konkluż li d-dritt pretiż mir-rikorrenti ġie miksur", bħallikieku dan "il-fatt biss" u waħdu, u indipendentement minn kull ħaġa oħra, *ipso facto* jwassal għal ksur.

14. Din il-qorti ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet.

15. Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.

16. Li l-eżerċizzju li trid tagħmel il-qorti ma huwiex wieħed purament formali, biex tara biss jekk seħħx "il-fatt biss li r-rikorrent kien prekluż mill-liġi li jikkonsulta ma' avukat", huwa kompatibbli mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'din il-materja.
17. Hekk, fil-każ ta' Imbrioscia *v.* l-Isvizzera[1] il-Qorti Ewropeja osservat illi:
«Other requirements of Article 6 - especially of paragraph 3[2] - may also be relevant before a case is sent for trial *if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with them*.»[3]
18. Fil-fatt f'dak il-każ il-qorti kienet sabet illi ma kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq għalkemm ir-rikorrent ma kellux l-għajnuna ta' avukat waqt li kien qiegħed ikun interrogat.
19. Ukoll fil-każ ta' Ahmet Mete *v.* it-Turkija[4] il-Qorti Ewropeja ma sabitx ksur, għalkemm f'dan il-każ ukoll ir-rikorrent għamel stqarrija mingħajr ma kellu għajnuna ta' avukat. Il-qorti qalet hekk:
«26. … … … [E]ven assuming that the authorities refused to assign him a lawyer, despite his explicit request, the Court is of the opinion that the lack of legal assistance at the early stage of the proceedings did not deprive the applicant of a fair hearing. In reaching this conclusion, the Court has taken into account the entirety of the proceedings, in particular the fact that the applicant had a lawyer throughout the proceedings before the İzmir State Security Court and the Court of Cassation. Moreover, the Court notes that the İzmir State Security Court based its final decision, not only on his statements given in police custody but also on his statements given during the hearings, his confessions made before the public prosecutor and the statements of the other accused. … … …

---

1 Q.E.D.B. 24 ta' Novembru 1993, rikors 13972/88.

2 (3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin: … … … (ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess.

3 Para. 36. Enfasi miżjud.

4 Q.E.D.B. 25 ta' April 2006, rikors 77649/2001.

«27. The applicant's lack of access to legal assistance during the preliminary investigation cannot, therefore, be considered to have deprived him of a fair trial within the meaning of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.
«28. The Court concludes that this complaint is manifestly ill-founded within the meaning of Article 35 § 3 of the Convention and must, therefore, be declared inadmissible »
20. Tassew illi jidher illi f'sentenzi aktar riċenti l-Qorti Ewropeja x'aktarx bidlet l-atteġġjament, u tidher li trid tagħti x'tifhem illi l-għajnuna ta' avukat f'kull waqt tal-proċess penali, sa mill-ewwel interrogazzjoni, hija fattur *sine qua non* għal smigħ xieraq. Hekk, fil-każ ta' <u>Salduz *v.* it-Turkija</u> osservat illi[5]:
«55. … … … the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.»
21. Għandu jingħad, iżda, illi l-każ ta' Salduz kien wieħed estrem u eċċezzjonali. L-akkużi miġjuba kontrieh mill-istat tork kienu x'aktarx ta' natura politika – kien mixli, u eventwalment instab ħati, talli ħa sehem f'attività ta' partit politiku u waħħal strixxun (*banner*) bil-kliem "*Long live the leader Apo*" – u kellu biss sbatax-il sena meta ġie interrogat u ammetta dan kollu mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat. Meta, iżda, jumejn wara, reġa' ġie interrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt tehdid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija.

[5] Q.E.D.B. 27 ta' Novembru 2008, rikors 36391/02.

22. L-istess kondizzjonijiet eċċezzjonali u estremi kienu preżenti wkoll f'każijiet oħra fejn il-Qorti Ewropeja sabet ksur minħabba n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat. Fil-każ ta' Panovits *v.* Ċipru[6] l-investigat kien minorenni meta kien interrogat. Barra minn hekk, minħabba l-imġieba ħażina tal-avukat tiegħu – li l-qorti kellha tikkundannah għal disprezz *in faciem curiæ* – inħoloq suspett ta' nuqqas ta' imparzjalità fil-ġudikanti u għalhekk il-proċess meħud kollu kemm hu ma tax il-garanziji meħtieġa biex ikun megħlub kull preġudizzju li seta' nħoloq minħabba t-teħid ta' stqarrija mingħand minorenni. Każ ieħor fejn instab ksur kien dak ta' Płonka *v.* Il-Polonja[7], fejn l-istqarrija ttieħdet mingħand mara li kienet fi stat ta' vulnerabilità minħabba alkoħoliżmu.

23. Kif sewwa u b'ħafna għaqal qal l-Imħallef Rolfe fil-każ ingliż ta' Winterbottom *v.* Wright (1842):

«This is one of those unfortunate cases ... in which, it is, no doubt, a hardship upon the plaintiff to be without a remedy but by that consideration we ought not to be influenced. Hard cases, it has frequently been observed, are apt to introduce bad law.»

24. Barra minn hekk, għalkemm is-silta miġjuba fuq mill-para. 55 tas-sentenza ta' Salduz tidher x'aktarx kategorika, dak li jingħad f'dik is-silta għandu jinqara wkoll fid-dawl ta' dak li jingħad f'partijiet oħra tas-sentenza, partikolarment fil-para. 51 *et seqq.*:

«51. The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless, Article 6 § 3 (c) does not specify the manner of exercising this right. It thus leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial systems, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to "guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective" and that

---

6 Q.E.D.B. 11 ta' Diċembru 2008, rikors 4268/04.

7 Q.E.D.B. 31 ta' Marzu 2009, rikors 30310/02.

assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused.

«52. National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings. In such circumstances, Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. However, this right has so far been considered capable of being subject to restrictions for good cause. The question, in each case, has therefore been whether the restriction was justified and, if so, whether, in the light of the entirety of the proceedings, it has not deprived the accused of a fair hearing, for even a justified restriction is capable of doing so in certain circumstances.

«53. These principles, outlined in paragraph 52 above, are also in line with the generally recognised international human rights standards which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities. They also contribute to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused.

«54. In this respect, the Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial. At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself. This right indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case

against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused. Early access to a lawyer is part of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. In this connection, the Court also notes the recommendations of the CPT[8], in which the committee repeatedly stated that the right of a detainee to have access to legal advice is a fundamental safeguard against ill-treatment. Any exception to the enjoyment of this right should be clearly circumscribed and its application strictly limited in time. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.»

25. Partikolarment relevanti huwa dak li jingħad fil-bidu tal-para. 52: "*National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings*"[9]. Ir-referenza hawnhekk hija għall-konsegwenza ta' inferenza sfavorevoli ("*adverse inference*") kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu. Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx. Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet.

---

8 European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment.

9 Ara wkoll Płonka *v.* Il-Polinja, para. 34.

26. Relevanti wkoll dak li jingħad fil-para. 54: "*This right* [*to assistance by a lawyer*] *indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused*". Fil-każ tallum ma saret ebda allegazzjoni ta' tehdid, vjolenza jew abbuż.

27. Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropeja wkoll fl-istess każ ta' Salduz osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa:

«Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial *if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced* by an initial failure to comply with its provisions.[10]»

28. Naraw issa kif dawn il-prinċipji jolqtu l-każ tallum.

29. Fil-każ tallum l-attur kien raġel matur li ġà kien qiegħed jiskonta sentenza fil-faċilità korrettiva meta kien interrogat: l-istqarrija għamilha fis-7 ta' Awissu 2002 u kien ilu l-ħabs mill-1994. Kellu esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità hekk li faċilment ikun intimidit bl-ambjent fejn issir l-interrogazzjoni. Għalhekk, ma hemmx il-fattur li wassal għal sejbien ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każijiet ta' Il-Pulizija *v.* Esron Pullicino[11], fejn il-persuna interrogata kienet għadha minorenni, u ta' Il-Pulizija *v.* Alvin Privitera[12], fejn il-persuna interrogata kienet ilha biss erba' xhur li għalqet it-tmintax-il sena.

30. F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-każ ta' Paskal *v.* l-Ukrajna[13]: "*the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed*"[14].

---

[10] Salduz *v.* it-Turkija, para. 50 (enfasi miżjud).

[11] Q. Kost. 12 ta' April 2011, rik. 63/2009.

[12] Q. Kost. 11 ta' April 2011, rik. 20/2009.

[13] Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.

[14] Para. 78.

31. Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'libertà sħiħa. Ma hemm ebda xiehda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-libertà fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awto-inkriminazzjoni.

32. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tallum fit-2 ta' Diċembru 2010 – wara li kienet magħrufa s-sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jieħu lura l-istqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx qiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrija li, wara kollox, għamilha liberament.

33. Meta tqis ukoll illi l-attur għad irid igħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrija tal-akkużat; illi matul dan il-proċess l-attur sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-perikolu illi joqogħdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeċiedu dwar ħtija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-oħra, u illi l-imħallef saħansitra jista' jwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tinġieb xiehda – li ma tressqitx quddiem din il-qorti – li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew b'tehdid, din il-qorti hija tal-fehma illi ma ntwera ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq bit-teħid tal-istqarrija tal-attur mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat.

34. Bħala garanzija addizzjonali, din il-qorti sejra tordna illi kopja ta' din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess kriminali sabiex il-paragrafu ta' qabel dan jinġieb għall-attenzjoni tal-ġudikanti tad-dritt u tal-fatt.

35. Ladarba sejjer jintlaqa' t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali, ma huwiex meħtieġ illi l-qorti tqis ukoll it-tielet aggravju, li huwa dwar ir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti.

36. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tgħid illi ma kien hemm ebda ksur ta' drittijiet tal-attur u tiċħad it-talbiet tiegħu. L-ispejjeż kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell iħallashom l-attur appellat.

37. Ir-reġistratur għandu jara illi kopja ta' din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess kriminali kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------